MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2004

Numru 17/2001

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Diego Borg**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 17 tas-sena 2001 kontra l-akkuzat Diego Borg, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel illi ghall-habta ta' lejn nofs in-sena elf disa' mija disgha w disghin (1999), Diego Borg, imlaqqam il-Bluffs, kien iddecieda li jibda jmexxi w jittraffika l-medicina perikoluza erojina billi, bi skop ta' qliegh, anke peress li f'dan il-perjodu kien jghix bir-relief, iforniha, jipprokuraha w jbieghha lil kull min ried jakkwistaha. Il-Pulizija kienet bdiet tircievi taghrif f'dan is-sens u maz-zmien beda jkollha suspetti fondati li fil-fatt hekk kien.

Dak it-taghrif u suspetti fondati kienu fis-sens li f'kumpless ta' garaxxijiet li kien jinsab fl-inhawi ta' Triq Guzepp Demicoli, Hal-Ghaxaq, kien hemm bejgh u traffikar tal-imsemmija droga erojina. Diego Borg propjament kien minn Hal-Qormi, izda kellu garaxxijiet fl-imsemmija inhawi w kien jahbi l-istess droga barra w mhux fil-garaxxijiet. Kien ghalhekk li fit-tnejn ta' Novembru tal-imsemmija sena 1999, il-Pulizija organizzat perjodu ta' sorveljanza sabiex tinvestiga w tipprova taqbad fil-fatt persuni li kienu qeghdin jixtru l-erojina minghand Diego Borg. Din is-sorveljanza giet registrata fuq video w bit-tehid ta' ritratti.

F'dan il-perjodu ta' sorveljanza, u fl-inhawi msemmija, deheru zaghzagh ta' madwar sittax-il sena, Michael Camilleri, kif ukoll certu Jesmond Cassar u martu, Lynthia. Fl-istess waqt, Diego Borg gie osservat idur fl-inhawi b'oggett forma ta' pipe f'idejh u jahbih fost terrapin u gebel li kien hemm fil-vicinanzi tal-garaxxijiet. Fuq il-post, imbaghad, gie certu Carmelo Borg li mar fuq u tkellem ma' Diego Borg. Dana rega', mar fejn kien heba dak l-oggett, hareg xi boroz minnu, ghaddiehom lil Carmelo Borg u dana tah xi flus.

Hin wara, l-Pulizija ddecidew jaghmlu tfixxija ghall-gharrieda fil-vicinanzi. Minn din it-tfixxija, rrizultaw l-imsemmi pipe fejn fih kien hemm diversi boroz zghar li kienu mimlija bl-erojina. Gew imwaqqfa l-persuni kollha hawn fuq imsemmija, w irrizulta li Carmelo Borg kien fil-fatt xtara, w kien ilu jixtri l-erojina minghand Diego Borg. Michael Camilleri stqarr li kien ilu jara lil Diego Borg ibiegh l-istess erojina lil diversi persuni. L-istess kienu jafu w gieli xtraw l-erojina minghand Diego Borg.

Minn tfixxija li l-Pulizija mbaghad ghamlu fir-residenza ta' Diego Borg, irrizultaw boroz ohra li kienu bl-erojina, w meta l-istess Diego Borg gie arrestat mill-Pulizija nstabu fuqu ammont ta' flus ta' madwar mitejn sitta w sittin Liri Maltin (LM266), kif ukoll telefon cellulari. Diego Borg kien jinqeghda wkoll b'vettura tal-kiri Opel Corsa sewda.

Irrizulta wkoll li fil-post fejn gie kommess dan id-delitt, Diego Borg kellu zewg garaxxijiet mikrija f'isem missieru

fejn suppost kien irabbi annimali fihom. Diego Borg ukoll kien jabbuza mid-droga erojina li kien jixtri minghand haddiehor sabiex minnha wkoll ibiegh lil haddiehor.

Id-droga erojina msemmija hija droga specifikata fl-Ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmi Diego Borg la kellu licenzja mill-President ta' Malta ghall-eghmil tieghu w anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija. Inoltre Diego Borg ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u ma kellux licenzja w anqas kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess Diego Borg ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Diego Borg sar hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina specifikata fl-Ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Diego Borg hati talli forna jew ipprokura jew ofra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina specifikata fl-Ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-

Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10 (1), 12, 14 (1)(5), 20, 22 (1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22 (2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2) U wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta illi, nhar it-Tlieta, 2 ta' Novembru tas-sena 1999, wara tfittxija li saret mill-Pulizija ghall-habta ta' xi hin kmieni wara nofsinhar, fil-vicinanza ta' garaxxijiet fi Triq Guzeppi Demicoli, Hal-Ghaxaq, mikrija w uzati minn Diego Borg, dan tal-ahhar instab li kien xjentement fil-pussess u kontroll effettiv tal-medicina perikoluza erojina. Dina kienet qeghda tigi mohbija minnu f'dawk l-akwati sabiex meta kien ikun il-kaz kien mhux biss huwa stess jabbuza minnha, imma wkoll kien iforniha w jipprokuraha w ibieghha lil diversi terzi persuni. Dan il-pussess u kontroll effettiv da parti ta' Diego Borg kien ilu ghaddej minn madwar il-bidu tal-imsemmija sena 1999.

Minbarra li nstabu hafna affarijiet u oggetti ohra relatati mat-tmexxija tad-droga, bhal telefon cellulari w flejjes u

boroz ta’ ppakkjar, instabet erojina ppakkjata go tlett boroz trasparenti f’kwantita’ netta komplessiva ta’ madwar 8.195 grammi.

Illi d-droga erojina hija droga specifikata fl-Ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-imsemmi Diego Borg ma kellux awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni dik id-droga. Anqas kien b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta w anqas kien awtorizzat mill-President ta’ Malta li jkollu d-drogi fil-pussess tieghu. Anqas giet id-droga msemmija fornita lill-istess Diego Borg ghall-uzu tieghu skond xi ricetta kif provdut fir-regolamenti.

Illi b’eghmilu l-imsemmi Diego Borg sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b’dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Diego Borg, hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib

Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhuz inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10 (1), 12, 14 (1)(5), 20, 22 (1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22 (2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17 (h), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-14 ta' Jannar, 2004.

Rat in-nota ta' l-akkuzat datata 14 ta' Jannar, 2004, li permezz taghha nforma lill-Qorti li huwa kien bi hsiebu jirregistra ammissijoni tal-imputazzjonijiet lilu addebitati.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Jannar, 2004, li biha, wara li hadet konjizzjoni tan-nota tal-Avukat Generali, f'dak l-istadju, bla ma l-Qorti tikkommetti ruha, bla pregudizzju w ghal kull buon fini, ordnat lill-Avukat Generali li :

1. minnufieh jipprezenta fedina penali aggornata tal-akkuzat;
2. li fid-data tal-guri iressaq kull prova mehtiega biex jigi stabilit jekk l-akkuzat ghandux proceduri ohra kriminali pendenti kontra tieghu u;
3. kif ukoll jesebixxi kopji ta’ kull stqarrija jew deposizzjoni guramentata tal-akkuzat li biha jista’ jkun intitolat ghall-beneficcju kontemplat fl-artikolu 29 tal-Kap. 101.

Rat in-nota tal-akkuzat tas-16 ta’ Jannar, 2004, li biha esebixxa dikjarazzjoni guramentata tieghu.

Wissiet lill-akkuzat bil-konsegwenzi ta’ din in-nota kif obbligata taghmel skond l-artikolu l-gdid 453 A (2) tal-Kap. 9 li dahal in vigore fl-1 t’Ottubru, 2003 b’LN/276/03, fil-bidu tas-seduta tal-lum u qabel ma l-akkuzat gie mitlub iwiegeb ghall-Att tal-Akkuza.

Rat illi fis-seduta tallum l-akkuzat ghad-domanda kienx hati jew mhux hati tal-Kapi tal-Att tal-Akkuza, wiegeb li kien hati.

Rat li wara li din il-Qorti tat lill-akkuzat zmien biex jerga jahsibha w wara li wissietu bil-konsegwenzi li jista’ jkollha tali ammisjoni ta’ htija, kif obligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, l-akkuzat rega’ wiegeb ghall-mistoqsija billi rega’ tenna li huwa hati skond l-Att tal-Akkuza.

Semghet ix-xhieda tal-akkuzat innifsu, ta’ missieru Joe Borg, ta’ Ray Grech, head tad-Drug Rehabilitation Section tas-Sedqa w tas-Supratendent Neil Harrison.

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni w d-difiza dwar il-piena u hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet kollha maghmula.

Tiddikjara lill-akkuzat **Diego Borg** hati skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza talli ghall-habta ta’ lejn nofs is-sena elf disa mija disgha w disghin (1999) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina specifikata fl-Ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi

(Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga;

Tiddikjara wkoll lil **Diego Borg** hati skond it-Tieni Kap tal-Att ta’ l-Akkuza talli nhar it-Tlieta, 2 ta’ Novembru tas-sena 1999, ghall-habta ta’ xi hin kmieni wara nofsinhar, fil-vicinanzai ta’ garaxxijiet fi Triq Guzeppi Demicoli, Hal-Ghaxaq, kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b’dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Qieset dwar il-piena , il-fatt li l-Avukat Generali , fin-Nota tieghu fuq imsemmija,  ddikjara li fl-eventwalita’ **BISS** li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat , in segwitu ghal trattattivi bejn id-Difensuri tal-akkuzat  u l-ufficcju tal-Avukat Generali gie miftiehem u ntlahaq qbil bejn il-partijiet li l-piena karcerarja ma ghandhiex tkun aktar minn erba snin prigunerija , bit-tnaqqis taz-zmien kollu li l-

akkuzat ikun ghamel taht arrest preventiv u li l-piena pekunjarja m'ghandhiex tkun izjed minn elf lira Maltin , u dana wara li gie mehud in konsiderazzjoni il-fatt li llum il-gurnata l-akkuzat irriforma sew il-komportament tieghu ( anki kif tixhed il-fedina penali aggornata tieghu) , il-fatt li meta gew kommessi r-reati addebitati kien f' periodu fejn l-akkuzat kien ghaddej minn zmien turbolenti li fuqu ftit li xejn seta' kellu kontroll , kif ukoll il-fatt li l-akkuzat hu f' pozizzjoni li jikxef l-identita' tal-persuna li kienet fornietu bid-droga in kwistjoni fejn allura jkun applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap.101.

Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", Qorti Kriminali , [24.2.1997] ; "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002] u BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.).

Qieset ukoll illi r-reat dedott fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza serva bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat dedott taht l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza u ghalhekk ghall-fini tal-konkors tal-piena ghandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Ara "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem" (31.10.2002) u "Ir-Repubblika ta' Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag" (15.05.2003), kif del resto anke qablu l-Prosekuzzjoni w d-Difiza b'verbal appozitu;

Qieset li skond l-artikolu 22 (2) (a) ( 1) (aa) tal-Kap.101 , meta l-Qorti tkun tal-fehma li , meta tqis l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, l-kwantita' tal-medicina w x' xorta w kwantita' ta' taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz involuti fir-reat u c' cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat , il-piena stabilita mill-ligi ma tkunx xierqa , tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba snin u multa ta' mhux inqas minn elf lira;

Qieset li f'dan il-kaz , 1. l-akkuzat kien ghadu ta' l-eta' zghira ta' ghoxrin (20) sena; 2. li l-ammont komplessiv tad-droga elevata kien wiehed relattivament zghir hafna w cioe' ta' 8.535 grammi (ara fols. 128 u 177); 3. li fil-kondotta tieghu sa dak in-nhar tal-kommissjoni tar-reati kellu biss "conviction" wahda ta' sewqan ta' car mhux licenzjata fit-triq ; 4. l-ammissjoni bikrija tieghu w qabel ma gie kompost il-guri; 5. kif ukoll li hu ghin lill-Pulizija biex jinkixef minn issupplieh bid-droga, bid-dikjarazzjoni guramentata tieghu tas-16 ta' Jannar, 2004 kif konfermata bil-gurament tieghu waqt is-seduta tal-lum u l-qbil bejn il-Prosekuzzjoni w d-difiza li ghalhekk hu ghandu f' kull kaz jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 li jghid li l-piena dwar prigunerija ghandha titnaqqas bi grad wiehed jew tnejn u dwar piena pekunjarja b'terz jew bin-nofs, 6. li, kif qablu il-Prosekuzzjoni w difiza ghall-fini ta' piena , ir-reat dedott fit-tieni Kap tal-Att tal-Akkuza serva bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat dedott taht l-ewwel Kap u ghalhekk ghall-fini tal-konkors tal-pieni ghandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kap.9.; 7. Li hu kien vittma tad-droga meta kkommetta r-reati minnu ammessi izda wkoll li kkompleta b'success programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga kif anki gie konfermat mix-xhud Ray Grech.

Qieset ghalhekk li ghall-fini tal-artikolu l-gdid 453A tal-Kodici Kriminali li dahal in vigore fl-1 t' Ottubru, 2003 bl-Avviz Legali Nru. 273/2003 , din il-Qorti hija sodisfatta li s-sanzjonijiet mitluba mill-Avukat Generali u mill-akkuzat permezz tan-noti taghhom fuq imsemmija huma tali li jkun legittimu ghaliha illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati ammessi mill-hati ;

Wara li rat l-Artikoli 9, 10 (1), 12, 14 (1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(aa), 26 u 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u l-artikoli 17(h), 23, 453A u 533 tal-Kodici Kriminali.

Tikkundanna lil **Diego Borg** ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien erba (4) snin,  b’dan li minn dan il-perjodu ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati dam taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz u ghall-multa ta’ elf lira Maltin (LM 1000).

Tikkundanna wkoll lil Diego Borg ihallas l-ammont ta’ tlieta w tmenin liri Maltin u hamsin centezmu (LM 83.50c) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes tal-perizji inkorsi f’dan il-process;

Tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti w l-oggetti kollha uzati biex tinhazen jew tinzamm, tinbiegh jew tigi traffikata d-droga msemmija w ta’ kull flejjes jew propjeta’, mobbli w mmobbli ohra tal-persuna misjuba hatja favur il-Gvern ta’ Malta;

Il-Qorti tirrakomanda wkoll li l-hati jibqa jkollu inkontri ta’ mhux inqas spiss minn darba fil-gimgha mal-“Key Worker” ta’ l-Agenzija Sedqa li jigi addett ghal dan ix-xoghol mill-istess Agenzija biex b’hekk il-progress li hu ghamel fil-fatma tieghu mill-vizzju tad-droga jibqa jigi segwit attivament u konsolidat.

Fl-ahhar nett il-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-oggetti kollha esebiti li jikkonsistu f’medicini perikoluzi jew oggetti relatati mall-abbuz tad-droga mill-ispizjar Mario Mifsud taht is-supervizzjoni diretta tal-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti, li ghandu jirrapporta lil din il-Qorti bil-miktub meta din id-distruzzjoni tkun saret, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota li ghandha tigi prezentata mhux aktar tard minn hmistax (15) il-jum mill-lum li din id-droga ghandha tigi prezervata in konnessjoni mat-tehid ta’ xi proceduri ohra kontra terzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------